Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 38 – Il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Ezekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Ġew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Approvazzjoni tal-Offerti**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-fatt li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza minħabba l-fatt li jinħtieġ li jiġu approvati l-offerti konnessi mal-Proġett tal-Pjazza tad-Dehra, liema urġenza hija marbuta mad-deadline tal-proġett, dak tal-31 ta' Mejju 2015.

3.2 Is-Sindku semma' kif l-offerti GHJN 1/2015, GHJN 2/2015 u GHJN 4/2015 ġew evalwati mill-Bord maħtur mill-Kunsill u magħmul minn nies tekniċi fil-qasam relevanti.

3.3 Fl-evalwazzjoni tal-offerta GHJN1/2015, l-offerta relatata mal-elettriku tal-Pjazza, il-Bord sab li l-orħos offerta ma kinitx amministrattivament kompattibli u wkoll kella xi technical literature nieqsa. Il-Bord ra li ma hemmx triq oħra għajr li jirrakkomanda li tintgħazel l-għola offerta li kienet amministrattivament u teknikament kompatibbli. Il-Kunsill ra li mhemmx triq oħra għajr li jagħti l-offerta lill-għola bidder peress li la kien kompatibbli f'kollox. L-offerta ma tistax taqa u terġa toħroġ mill-ġdid. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li l-offerta għandha tingħata lill-Xtreme Technologies għal prezz ta' €30,683.

3.4 Ghall-evalwazzjoni tal-offerta GHJN 2/2015, dik tal-pavimentar, il-Bord sab li l-orħos offerta hija amministrattivament u teknikament kompatibbli u għalhekk il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha tkun tal-offerta ta' Joe Grima għall-prezz ta' €43,487.22. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3.5 Għall-offerta GHJN4/2015 - dik tar-restawr tal-base tal-istatwa tal-Pjazza tad-Dehra, ntefgħet offerta waħda biss mingħand Emanuel Saliba għall-prezz ta' €49,000. Il-Bord tal-evalwazzjoni sab l-offerta bħala kompatibbli u għalhekk irrakkomanda li l-Kunsill jagħzel din l-offerta. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

## 4.0 Inawgurazzjoni tal-Belvedere.

4.1 Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni tal-Belvedere u għall-konferma tal-attendenza tal-Prim Ministru għal din l-inawgurazzjoni, bit-tibdil li l-inawgurazzjoni ssir il-Hadd 22 ta' Marzu f'12:45pm. Il-Kunsill qabel ma dan. Sar qbil li għandu jintbgħat invit f'kull dar u għandhom jiġu mistiedna uffiċjalment il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, Ministru għal Għawdex, Segretarju Parlamentari għal Kunsilli Lokali, membri parlamentari Għawdxin, Sindki, eks Segretarji Ezekuttivi, kuntratturi nvoluti fil-proħett u l-perit kif ukoll ufficjali tal-MEPA relatati mal-UIF.

4.2 Bħala programm il-Kunsill qabel li għandu jibda dak kif miftiehem fil-laqgħa ta' qabel. Il-Vici Sindku Franco Ciangura propona li għandna nikkuntatjaw lill-ERRC u naraw jekk jagħtux spettaklu ta' tixbit fuq il-wied tax-Xatt. Il-Kunsill qabel mal-idea u li għandna nikkuntatjawhom.

## 5.0 Easter Egg Hunt

5.1 Saret referenza għall-email mingħand Diane Vella fejn rrivediet il-proposta tagħhom u wrew li lesti li joffru l-istess attivita' għall-prezz ta' €1120 li jinkludu diversi rides b'xejn kif ukoll dawriet bit-train ghal prezz ta€' 100 kull siegha u bil-pony għall-prezz ta' €80 kull siegha. Il-Kunsill qabel li l-attivitajiet tal-pony u tat-train jiġu organizzati għal sagħtejn biss.

## 6.0 Materji oħra

6.1 Is-Sindku rrefera għal-fatt li bħala mobile tal-Kunsill, li ser ikun uzat mis-Segretarja, sar kuntratt ġdid mal-Go mobile għall-prezz ta'€ 55 fix-xahar flok dak ta' €95 li kien hemm qabel u jkun jinkludi t-tariffi kollha b'xejn lejn kull linja lokali. Sadanittant il-Vodafone baqgħu ma rrispondewx u l-Kunsill qabel li sabiex ikun kopert anke mal-awdituri tal-Kunsill għandu jiktbilhom ittra uffiċjali bil-qorti.

6.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura staqsa jekk fi tmiem din il-leġislatura hix ser issir il-pubblikazzjoni ta' Tlett snin ta' Ħidma. Is-Sindku semma' li huwa diġa kien beda jaħdem fuq hekk u qed jiġbor il-materjal kollu f'ritratti. Sar qbil li l-fuljett għandu jkun kompost minn hafna ritratti u ftit deskrizzjkoijiet qosra.

6.3 Saret referenza għall-offerta li qed tagħmel il-Komunita' ta' Tolfa billi stiednu rapprezentanza mill-Kunsill għall-Olimpiadi della Cultura li ser issir bejn is-19-21t'April 2015. Il-Kunsill approva li għandu jmur is-Sindku Francis Cauchi u jista jakkumpanjah xi ħadd ieħor.

6.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għal fatt li fil-Kajselli, Dipartiment tat-Toroq, hemm sett Bring-in-Sites li jappartjenu lil Kunsill Lokali Ghajnsielem. F'każ li jkollna bżonn sett ieħor dawk jagħjtu lil Kunsill Lokali Għajnsielem.

Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**